

## Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikkorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Lulju 2021, li permezz tagħha din, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), cāħdet it-talba tiegħu għal aċċess għad-dokumenti kollha dwar l-informazzjoni li hija rċeviet mill-Irlanda dwar il-vantaġġi għas-sahħha pubblika marbuta mar-restrizzjonijiet ta' ċaqliq bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea stabbiliti sa mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19.

## Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Patrick Swords.

(<sup>1</sup>) ĠU C 490, 6.12.2021.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Mejju 2022 – Target Brands vs EUIPO – The a.r.t. company b&s (ART CLASS)

(Kawża T-637/21) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2022/C 284/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Target Brands, Inc. (Minneapolis, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Kunze, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Śliwińska u D. Gája, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: The a.r.t. company b&s, SA (Quel, Spanja)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Ġunju 2021 (Każ R 1597/2019-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn The a.r.t. company b&s u Target Brands.

## Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Target Brands, Inc hija kkundannata għall-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 471, 22.11.2021.